



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0141(NLE)
2022/0142(NLE)

12803/22
ADD 1

AGRI 473
RELEX 1244
FORETS 87
DEVGEN 178
ENV 916
PROBA 44

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali - <i>Dikjarazzjoni mill-Ungerija</i>

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KONKLUŻJONI TAL-VPA MAL-GUYANA DWAR L-INFURZAR TAL-LIĠI TAL-FORESTI, IT-TMEXXIJA U L-KUMMERĊ TA' PRODOTTI TAL-INJAM FIS-SETTUR FORESTALI

U

DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL DWAR L-IFFIRMAR TAL-VPA MAL-GUYANA DWAR L-INFURZAR TAL-LIĠI, IT-TMEXXIJA U L-KUMMERĊ TA' PRODOTTI TAL-INJAM FIS-SETTUR FORESTALI

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fl-Anness tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxiya u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam fis-settur forestali għall-Unjoni Ewropea, *kif ukoll* fl-Anness għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxiya u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam fis-settur forestali għall-Unjoni Ewropea.
